# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **44** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **il-Ħamis 14 ta' April 2016 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree' Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sur Sandro Gatt |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |
| Skużati | Is-Sur Charlot Cassar |

## ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 43.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tal-*Audited Financial Satements* kif aġġustat mill-Awdituri.
6. Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart Jannar sa Marzu 2016.
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.

Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***<u>Qari w approvazzjonital-Minuti :</u>***

1.1 **<u>Laqgħa Nru 43(1) tat-23 ta' Marzu 2016:</u>**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi f'paġna 3 artiklu 2.1.3 bejn l-ewwel u t-tieni paragrafu għandu jiżdied il-paragrafu li ġej :

*Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cinatar staqsa kemm hemm flus li ġew approvati mil-EUPA.*

1.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi f'paġna 5 artiklu 3.2 bejn it-tielet u l-aħħar paragrafu għandu jiżdied il-paragrafu li ġej :

*'Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab li nitolbu lid-Dipartiment jekk nistgħux nibqgħu nimpjegaw nies iktar milli għandna'.*

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantari ssekonda. Il-votazzjoni kienet 4 favur, 0 kontra u 2 astensjonijiet minħabba li ma kienux prezenti fil-laqgħa.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

- ***Il-Kunsilliera s-Sur John B. Camilleri u s-Sur Daniel Spiteri daħlu għal laqgħa fis-6.20pm***

2.0 ***<u>Punti li joħorġu mill-Minuti:</u>***

2.1 **<u>Laqgħa Nru 43(1) tat-23 ta' Marzu 2016:</u>**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paragrafu 3.2 ta' paġna 5 fejn qal illi l-ittra ta' riżenja tas-Sinjura Claudine Fenech hija datata 23 ta' Frar 2016 u ġiet approvata fis-seduta ta' Marzu 2016. Huwa kompla jgħid illi skond il-ftehim kollettiv in-*notice* ta' 90 ġurnata jrid jibda minn mindu tiġi preżentata l-ittra ta' riżenja. Huwa staqsa jekk is-Sinjura Claudine Fenech ħadmietx *in-notice*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi ma kinietx ħademt in-*notice* iżda s-Sinjura Fenech kienet ilha xhur ma taħdem minħabba ċirkostanza partikolari.

Is-Sindku qal illi t-terminazzjoni tal-impjieg tas-Sinjura Fenech huwa każ partikolari u min-naħa tagħha pruvat diversi tentattivi sabiex ma titterminax l-impjieg tagħha.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard saqtsiet jekk il-ftehim kollettiv jispeċifikax fuq każijiet bħal dawn.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nivverifikaw dwar din iċ-ċirkostanza partikolari.

Il-Kunsillier is-Sur Laurence Ciantar staqsa jekk għandiex bżonn li nimpjegaw persuna oħra magħna meta d-dipartiment żmien ilu kien qalilna illi għandna iktar impjegati milli suppost u anke meta għandha żewġ impjegati li jaħdmu bir-*reduced hours*. Huwa kompla jistaqsi jekk dawn l-impjiegi kollha jaffetwawx il-*budget* tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien tkellem mad-dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn staqsijhom fuq il-kuntratt li għandha fil-preżent tal-*part timer*. Huwa kompla jispjega illi għalkemm il-Kunsill kien talab illi l-kuntratt tal-*part timer* kien fuq bażi ta' *back to back contract*, id-dipartiment infurmah illi l-approvazzjoni ma kienetx fuq bażi ta kuntratt *back to back* jiġifieri jkun fuq bażi ta' tlett snin u jerġa jiġġedded għal sena oħra umbgħad jiġi kuntratt indefinit. Huwa kompla jispjega illi fir-rigward tal-finanzi tal-Kunsill l-impjieg tal-impjegata *part time* mhux qed jaffetwa l-*budget* tal-Kunsill anke meta wieħed jara illi ż-żewġ persuni li qedgħin bir-*reduced hours* huma progressati fl-iskali rispettivi. Dan iffiser li minflok l-impjegata s-Sinjura Claudine Fenech issa mhux ser jidħol ħadd u l-*part timer* is-Sinjura Sandra Mallia se tibqa *part timer* b'20 siegħa.

Il-Kunsillier is-Sur Laurence Ciantar qal li fil-passat kien issuġġerixxa illi fis-sajf l-uffiċini tal-Kunsilli jibqgħu miftuħa wara nofs in-nhar. Huwa saħaq illi l-Kunsill għandu bżonn illi fis-sajf jibqa miftuħ wara is-1.30pm anke jekk ma jibqax miftuħ ġimgħa sħiħa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi s-Segretarju Eżekuttiv jitkellem mal-impjegati sabiex jistaqsijhom min minnhom huwa interessat li fis-sajf sakemm nkunu bin nofs ta' nhari l-Kunsill jibqa miftuħ sa wara nofs in nhar, apparti x-xahar ta' Awwissu.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 6 artiklu 3.4 jekk kelniex risposta mingħand l-ETC fuq rikjesta li ħaddiema mill-ETC jkunu assenjati mal-latrini.

Is-Sindku wieġbu li kien kellimhom iżda ma tawniex risposta. Huwa qal illi huwa talab illi dawn in-nies ma jkunux mill-istess grupp ta' nies li qedgħin assenjati fil-preżent mal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa kemm il-siegħa jaħdmu magħna l-ħaddiema tal-ETC.

Is-Sindku wieġbu illi skond ir-riforma il-ġdida issa jaħdmu sitt siegħat. Huwa kompla jgħid illi dawn il-ħaddiema jagħmlu xogħol madwar il-lokal u ma nistgħux nużawhom minħabba il-latrini.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri wieġbu illi l-Kunsill jista jiddeċiedi illi persuna minn dawn il-ħaddiema jagħmlu ċertu siegħat mal-latrina matul is-sajf.

Il-Kunsillier is-Sur Laurence Ciantar staqsa jekk kellniex ilment fuq l-istat tal-latrini għaliex bosta nies kienu qed jilmentaw miegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kulljum jkollna l-ilmenti u l-ġimgħa d-dieħla ser nibgħatu wieħed mill-ħaddiema tagħna ma min inaddaf il-latrini ħalli josserva illi t-tindif jsir sew.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 7 paragrafu 3.11 jekk kelniex risposta mingħand is-sid tat-*training centre* fuq il-kera addizjonali sabiex jkollna aċċess għal kamra li mhux inkluża fil-kera.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġbu illi iż-żewġ partijiet qablu u issa l-kera ser titħallas mill-Kunsill u wara noħorġu *invoice* sabiex niġu rimborsjati mil LEAP.

2.1.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 7 artiklu 3.12 jekk il-Kunsill kienx ħa azzjoni fuq il-*campers*.

Is-Sindku wieġbu illi l-azzjoni ittieħdet mill-ewwel mil-MEPA u l-Puluzija fuq insistenza tal-Kunsill u tneħħew kolla minbarra tlett *campers*.

Il-Kunsillier is-Sur Laurence Ciantar qal illi issa inħoloq preċedent ieħor għaliex il-*campers* issa ġew quddiem il-kosta wara il-pixxina.

Is-Sindku qal illi hemmek mhux qed jtelfu u jdejqu lil ħadd.

2.1.4.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-gaġġeġ li hemm fil-Bajja ta' San Tumas qed jissewwew u ser joħorġuhom fl-aħħar t'April. Huwa qal illi meta sid il-gaġġeġ kien talab il-permess sabiex jsewwi dawn il-gaġġeġ huwa ħass li trid tkun prattiku u ma sab l-ebda oġġezzjoni illi jsewwu meta il-bajja ma tkunx qed tintuża min-nies.

Il-Kunsillier is-Sur Laurence Ciantar qal illi n-nies qed jilmentaw fuq dawn il-gaġġeġ u anke il-ħsara li qed isir f'qiegħ il-baħar meta qed jkaxkruhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jekk xi ħadd jikser il-liġi anke ġieli fuq affarijiet veru minuri jingħataw ċitazzjoni u mhux sew li dan l-individwu okkupa l-baħar u l-blat mingħajr il-permessi neċessarji. Huwa kompla jgħid li trid issir distinzjoni illi dawn mhux bħal meta żewġ sajjieda jifirxu x-xbiek fuq il-*promenade* sabiex jsewwuħ u jneħħuħ, huwa qal li dik hija industrija kbira.

Il-Kunsillier is-Sur Laurence Ciantar qal li meta dan l-individu talab il-permess sabiex jissewwew dawn il-gaġġeg imisna tlabnieħ jġib il-permessi neċċessarji mingħand l-entitajiet ikkonċernati u ngħidulu li aħna bħala Kunsill mhux ser nsibu oġġezzjoni diment li jkollu l-permessi kollha.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex is-Sindku jkellem lis-sid ta dawn il-gaġġeġ li hemm f'San Tumas ħalli jitneħħew mill'iktar fis possibli.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 8 paragrafu 8.2 jekk bgħatniex ninfurmawom fuq il-moll.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi konna nfurmajnihom pero` biex jissewwa dan ikun irid jinħareġ sejħa għall-offerti.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi l-moll tar-Ramla rrenġawh.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 2 fuq paragrafu 2.1.1 rigward il-problema ta' ħmieġ li qed jkun hemm madwar u taħt l-iskips ta' Triq ix-Xatt, huwa staqsa jekk kellimniex lil kuntrattur għaliex il-problema għada ma ssolvietx.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li nfurmajna lil Green MT.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jkun aħjar jekk id-*domes* jiġu faċċata u minflokom nagħmlu *bins on wheels*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li irridu noqgħodu attenti għaliex bil-maltemp ma jmurx id-*domes* jkaxkarom il-baħar.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi s-sid ta' Villa Sant'Anna nfurmah illi qed jkollu ħafna ilmenti mill-għarajjes minħabba l-kontenituri tar-riċiklaġġ u talab illi meta jkun hemm tieġ dawn il-kontenituri jitresqu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk is-Sur Attard tal-Green MT aċċettax illi meta jkun hemm tieġ joqgħodux jċaqalquhom u wara jerġu jpoġġuhom f'posthom.

Is-Sindku qal illi s-Sur Attard aċċetta u f'kaz illi ma jkunx jista wieħed mill-ħaddiema jkun jista jċaqlaqom huwa stess.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi waqt diversi laqgħat kien semma sabiex id-*domes* li hemm fi Triq Għaxqet l-Għajn u Triq il-Blajjiet jitnaqqsu għaliex jkun hemm ħafna ħmieġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Green MT kienu nfurmawna illi d-*domes* huma propjeta` tal-Kunsill.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 5 paragrafu 3.3 jekk għandiex risposta.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi bagħtna kemm lit-TMalta u kemm lil Perit Mintoff pero` għadna mingħajr risposta.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma lil Kunsilliera rigward paġna 9 paragrafu 8.1 rigward is-*swimming zones* taħt Villa Sant'Anna. Huwa kompla jispjega illi kkomunikaw miegħu fejn infurmawh illi l-estenzjoni li kien talab fiż-żona tal-Fajtata ser issir is-sena dieħla iżda hu nformahom li hemm bżonn li ssir din is-sena u huma kkonfermaw illi ser issir din is-sena.

2.1.9 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 9 paragrafu 8.4 x'inhuwa l-Inwadar.

Is-Sindku spjega illi l-Inwadar huwa il-park nazzjonali il-ġdid li hemm propost fiż-żona taż-Żonqor. Huwa kompla jispjega illi din il-laqgħa saret kemm fil-lokalitajiet ta' Ħaż Żabbar u Xagħjra u talbu illi ssir ukoll Marsaskala. Huwa kompla jispjega illi l-ewwel kien sar ftejim illi din il-laqgħa issir fis-sala tal-Kappillan iżda wara li kkonferma li tista ssir fis-sala, l-Kappillan infurmah illi ma tistax issir hemm u għaldaqstant kella issir il-Kunsill.

3.0 **<u>Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq jressaq quddiem il-Kunsill:</u>**

3.1 **<u>Traffic Management Triq in-Nadur u t-toroq tal-madwar (35/1289/16/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġejna nfurmati illi ser jibdew il-proċeduri sabiex Triq il-Vjola tinfetaħ u jingħatala t-tarmak min-naħa tal-Gvern Ċentrali.

Il-Perit William Lewis spjega l-pjanta li ħejja ta' Triq in-Nadur u nforma lil Kunsilliera illi qabel napplikaw lit-TMalta irridu nikkonsultaw mar-residenti.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex ninfurmaw lir-residenti billi nippublikawa fil-magażin li jmiss.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera illi qed isir il-ftehim finali mal-UIF fuq id-dawl ornamentali.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal l-fond UIF ser jinbidel u ser jiġi msejjaħ *development fund* u għaldaqstant għandna niċċekjaw jekk inbidlux il-kriterija fuq xiex nistgħu napplikaw.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lil *Planning Authority*.

3.1.1 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi ltaqa mal-Perit flimkien mar-rappreżentanti min-naħa tal-MTA rigward il-proġett li ser jsir fil-Bajja San Tumas.

Il-Perit kompla jispjega illi dan il-proġett ser jinqasam f'erbgħa fażijiet. L-ewwel fażi ser titneħħa l-istruttura minn fejn jaqbżu tal-fajta u tingħalaq b'*railing* sabiex jitkompla ma dak li hemm. It tieni fażi tal-proġett ser tkun li titneħħa r-rampa tal-konkos li hemm u ssir tal-injam.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi r-rampa trid tkun addattata għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi jekk ser jsir xi tip ta' kostruzzjoni dejjem jgħaddu katusa sabiex jekk ikun hemm bżonn li ngħaddu xi dawl jkun hemm minn fejn.

Il-Perit kompla jispjega illi it-tielet fażi tal-proġett ser ssir billi fejn hemm it-taraġ li jagħti għal fuq ir-ramel jsir taraġ sabiex persuna b'siġġu tar-roti tkun tista tinżel anke fuq ir-ramel.

L-aħħar fażi ta dan il-proġett hija li ssir *refurbishment* tal-latrina. Apparti minn hekk fil-latrina fejn hemm spazju li mhux qed jintuża għalxejn ser jingħalaq u jinfetaħ minn barra sabiex jintuża bħala *store* u anke għal *life guards*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issuġġerixxa illi minflokk jittieħed dan l-ispazju, hemm biċċa daħla fil-ġenb tal-latrina li mhux mibnija u għaldaqstant għanda titkompla tinbena u ttieħed dik il-parti bħala kamra għal *life guards* u *store*.

Il-Perit informa lil Kunsilliera illi bħala applikazzjonijiet għal l-ewwel tlett fażijiet issir b'DNO iżda għal aħħar fażi trid issir applikazzjoni mil-ġdid lil *Planning Authority*.

3.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq il-bandli taż-Żonqor fiex wasalna.

Il-Perit spjega illi wara li l-Kunsill elimina l-opzjoni illi jinbena garaxxt taħt il-bandli l-Perit ħareġ bi tlett alternattivi oħra. L-aħjar opzjoni hija li l bandli jsir fuq żewġ livelli u jkollom entraturi separati. Il-Perit kompla jispjega li dan il-proġett huwa stmat li jiswa madwar €150,000.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi l-kamra li hemm bħal issa tad-dawl tintuża ukoll bħala *store* u huwa tal-opinjoni illi għanda tinbena kamra oħra ħdejha sabiex id-*distribution box* ma jintefa xejn iktar ġo fija sabiex nevitaw ukoll li jseħħ xi inċident.

Il-Kunsill qabel illi tinbena din il-kamra.

- ***Intalbet sospenzjoni tar-regolamenti***

5.0 ***<u>Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements kif aġġustat mill-Awdituri:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv spejga illi din is-sena l-*classifications* kienu minimi.

L-Accountant tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff spjegat l-*audited financial statements*.

***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard pproponiet l-approvazzjoni tal- audited financial statements u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ssekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.***

6.0 ***<u>Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart Jannar sa Marzu 2016:</u>***

L-Accountant tal-Kunsill is Sinjura Doreen Mintoff spjegat illi t-tipping fees tal-Wasteserv għas-sena 2015 kwazi daħlu kolla kull ma għad fadal huwa madwar €4000.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa kemm infaqna s'issa *bulky refuse* ikkomparat ma l-istess perjodu mas-sena l-oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi din is-sena l-allokazzjoni għal *bulky refuse* kellu jżied iktar peress li l-offerti għal dan il-kuntratt għolew anke minħabba l-fatt li ġiet implimentat il-proċedura tal-WEE.

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar pproponiet l-approvazzjoni tar-rapport tal-kull kwart minn Jannar sa Marzu 2016 u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ssekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.***

3.2 **Fish Farm St Thomas Bay (35/1211/16/2):**

Din il-kommunikazzjoni ġiet diskussa f'artiklu 3.1.1

3.3 **Korrispondenza mingħand WM Environmental bħala kjarifika fuq il-minuti tal-Bord tal-Kunsill (35/1397/16/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi wieħed mill-offerenti *WM Environmental* li kien issottometta l-offerta tiegħu tal-*Parks and Gardens* kien infurmah u anke bagħutlu kopja ta dikjarazzjoni illi kien hemm qbil bejn il-Kunsill Lokali San Gwann u *WM Environmental* illi d-*default notices* li kienu ingħatawlu ġew irtirati kollha.

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala għaldaqstant innota l-fatt li l-kuntrattur *WM Environmental* ma kellu l-ebda *default notice* mil-Kunsill ta' San Ġwann.

3.4 **Permessi pendenti tal-patching li jridu jsiru mill-kuntrattur Polidano (35/1367/16/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi kien hemm madwar seba applikazzjonijiet fuq xogħolijiet ta' *patching* u *sleeping policeman* f'Marsaskala. Huwa spjega illi ċempel lil entitajiet ikkonċeranti huwa stess sabiex jiġu ċċarati l-affarijiet u jitħaffef il-proċess. Huwa kompla jispjega illi l-uniku permess illi jrid jerġa japplika mill-bidu huwa tal-*patching* li jrid isir f'Żonqor.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab sabiex inkunu nafu meta ser japplika.

3.5 **Bzonn li l-Kunsill iwaħħal tabelli fuq il-promenade biex jindika li roti permessibli sa 12-il sena.**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi persuna staqsiet għaliex kienu tneħħew il-*bicycle lane* u x'tippermetti l-liġi. Huwa kompla jispjega illi wara li spjegalu illi r-raġuni kienet sabiex inżiedu il-parkeġġ, huwa kompla jispjegalu illi tfal sa 12-il sena jistgħu jsuqu r-rota fuq il-bankina. Huwa kompla jgħid illi dan ir-resident talab sabiex jsiru xi tabelli.

Il-Kunsillier is-sur John B. Camilleri staqsa jekk jistax jsir metru fuq il-bankina illi tintuza miċ-ċiklisti.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi fl-opinjoni tiegħu la lanqas iċ-ċiklista ma jistgħu jsuqu fuq il-bankina huwa tal-opinjoni illi l-*bicycle track* terġa tiġi tintuża miċ-ċiklisti.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsiru t-tabelli fuq il-bankina li s-sewqan bir-roti fuq il-bankina huwa permessibli għal tfal sa 12 il-sena tul il-*promenade* u anke jsiru tabelli fit triq '*share the road*'.

3.6 **Mistoqsija Parlamenti fuq Pjazza Dun Tarċis Aguis:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar fejn qal li kien ra mistoqsija parlamentari fejn tgħid illi x-xogħol fil-Pjazza Dun Tarċis Aguis ser jibda.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niċċekjaw fuq din il-mistoqsija parlamentari.

3.7 **Stima mingħand JGC biex jitranġa l-apparat ta' Pjazza Mifsud Bonnici:**

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jitrenġaw il-ħsarat li hemm fil-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici.

3.8 **Applikazzjoni għal karnival bies iseħħ fil-lokalita` ta' Marsaskala:**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jispjega illi l-kunsill qed japplika taħt l-iskema tal-attivitajiet kulturali minflokk Iljieli Skalin sabiex isir il-karnival fis-sajf isir ġewwa Marsaskala.

Is-Sindku qal illi huwa flimkien mal-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar attendew għal laqgħa li kellhom mal-bord tal-attivitajiet kulturali fi ħdan il-dipartiment tal-Kunsill Lokali fejn dan il-bord infurmhom illi Arti fil-Beraħ jrid jinbidlilha isimha u qed jaħdmu sabiex jsibu isem alternattiv. Huwa kompla jispjega illi Arti fil-Beraħ ser issir fil-Ġnien Sant'Anna fil-25 ta' Ġunju 2016.

Is-Sindku kompla jispjega illi minflok Iljieli Skalin ser jsir il-Karnival fis-sajf u dan ser jsir fil-21 ta' Awwissu 2016. Huwa kompla jispjega illi l-bord qal li sabiex itella attivita` bħal din irid jkolna koordinatur tal-attivita` illi huwa intiż fil-kultura u peress li s-Sur Alfred Debono ma jistax jkun bħala koordinatur tal-attivita` huwa ħaseb fis-Sur Silvio Farrugia li anke huwa membru fil-bord tal-kultura tal-Kunsill. Huwa stieden lill-Kunsilliera illi jekk jafu lil xi ħadd li jista jgħamila ta' *projects manager* jgħaddu ismu jew isimha.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi ma tistax tingħata kariga ta' koordinatur tal-attivita` lil istess persuna li qeda membru fil-bord tal-Kultura peress li tiġi konflitt ta' interess.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa importanti li nġibu l-kwotazzjonijiet. Huwa kompla jgħid illi l- koordinatur tal-attivita` jrid jgħaddilna l-ispeċifikazzjonijiet tal-kwotazzjonijiet li rridu noħorġu.

3.9 **Klejm fuq ħsara fuq vettura li sar fi Triq il-Qaliet (35/1427/16/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi is-Sinjura Maria Concetta Gauci qed tiklejma għal ħsara li ġarbet fit-*tyre* minħabba li waqt li kienet qed issuq fi Triq il-Qaliet qabżet karozza mid-direzzjoni opposta u kellha tiġbed għan naħa ta' fejn hemm il-parkeġġi li fihom ħafna ħofor. Huwa kompla jispjega illi ġarbet ħsara ta' €64.99.

Il-Kunsill qbael unanimament illi il-Kunsill jħallas 70% ta' €64.99.

3.10 **Luzzi bi storja (35/1459/16/I):**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi avviċinaħ sid dan il-luzzu li jixtieq illi jagħtih il-Kunsill sabiex jitpoġġa ġol lokalita` ta' Marsaskala. Huwa kompla jispjega illi dan il-luzzu li fih madwar 30 pied u ilhu mibni madwar 80 sena kien l-istess luzzu li kienu ġabu l-istatwa ta' Sant'Anna bih. Huwa issuġġerrixxa illi dan il-luzzu jitpoġġa fuq il-*bridge* ħdejn il-monument tad-douzelage.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa illi jitpoġġa ħdejn id-daħla tal-wasteserv peress li huwa kbir.

Is-Sindku qal illi hemmek mhux propjeta` tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issuġġerixxa li jitpoġġa fil-Ġnien San Tumas.

Is-Sindku issuġġerixxa illi jitpoġġa fi Ġnien Sant'Anna bejn il-girna u l-banka tal-lottu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jitpoġġa ġo Ġnien Sant'Anna.

3.11 **Etendering:**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil Kunsilliera illi qed jaħdem fuq l-ewwel *tender* li ser joħroġ bl-*etendering*. Huwa spjega illi din il-proċedura l-ġdida fiha ħafna xogħol.

3.12 **Plakka fi Ġnien Sant'Anna:**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi bħal ma kien diġa nforma lil Kunsilliera f'seduta preċedenti, l-plakka li ser tiġi provduta mir-re Indjan li qiegħed membru fl-Ordni ta San Lazru ser issir quddiem il-girna u ser jitħawlu ukoll erba siġar taż-żebbuġ. Huwa stieden lil Kunsilliera għal din l-attivita` li ser ssir 1 ta' Mejju fl-10.00am.

3.13 **Problema fi Triq l-Iskal**

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ġab għal attenzjoni tal-Kunsill il-problema li qed jiffaċjaw kuljum fi Triq l-Iskal minħabba x-xogħolijiet li qed jsiru mill-Enemalta. Huwa qal li jifhem li x-xogħol jrid isir iżda persuna li għandhom il-karozzi fil-garaxxijiet mhux qed jkunu jistgħu jidħlu u joħorġu fil-garaxxijiet u anke jekk karozza tkun ipparkjata b'tali mod li tkun tmiss ftit fuq il-*yellow line* qed tingħatala ċitazzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niċċekjaw mal-Enemalta ħalli naraw kemm ser idum biex jitlesta ix-xogħol u jittieħdu l-mizuri neċessarji sabiex tissolva din il-problema.

7.0 ***Mistoqsija:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija

8.0 ***Mozzjonijiet:***

8.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur Charlot Mifsud (#116 – 13/4/16):**

*"Jipproponi sabiex is-siġar li mhumiex protetti li hemm fil-Ġnien Sant'Anna ħdejn il-klabb tal-boċċi jinbidlu ma siġar oħrajn bħal taż-żebbuġ għaliex qed ikunu t' inkonvenjent kbir minħabba li dak li hemm bħal issa ifarfru u jikkawzaw ħakk u ħruq fin-nies li jkunu fil-ġnien."*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa ma jaqbilx li dawn is-siġar jitneħħew f'daqqa iżda jitneħħew bil-mod u jingħata ċans li anke jilħqu jikbru s-siġar li jkunu tħawlu minflokk li hemm fil preżent qabel ma jinqalaw kolla.

Kien hemm diskuzzjoni bejn il-Kunsilliera u għaldaqstant din il-mozzjoni għaddiet għal vot.

FAVUR: Is-Sindku, l-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard, il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri, il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri.

KONTRA: Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatr. Huwa ddikjara li qed jivvota kontra minħabba li f'seduti preċedenti konna iddeċidejna li jitneħħew gradwalment u talab li nġibu l-permessi mil-awtoritajiet.

Din il-mozzjoni għaddiet.

4.0 ***<u>Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:</u>***

4.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni sabiex ma nibqux nixtru l-maġġorranza tal-affarijiet mingħand *ironmongery* wieħed iżda nipruvaw nixtru mingħand l-oħrajn ukoll.

9.0 ***<u>Informazzjoni mill-Kunsilliera:</u>***

9.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ssuġerixxa lil Kunsilliera illi ser jitneħħew l-arbli fi Triq iż-Żonqor li jibdew minn Triq San Ġorġ għaliex qedgħin fi stat ħain u wera parti minn arblu.

9.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri informa lil Kunsilliera li fi Triq Apap Bologna ġiet mibnija *soft area* ġdida u talab li tiġi nkorporata mas-*soft areas* tal-Kunsill.

10.0 ***<u>Aġġornament:</u>***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-10.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir nhar il-Ħamis 19 ta' Mejju 2016 fis-6.00pm.

IFFIRMATA

IFFIRMATA

________________

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

______________________

***Mario Calleja***
Sindku